# Il-Għanja tar-Rebħa !

**Innu-Marċ biex jitkanta mit-tfal fit-8 ta' Settembru.**

Versi ta' N. Biancardi —Mużka tas-Surmast Ġ. Casapinta

Dħul Settembru ! Ix-xemx feġġet !
Malta rat dawl u ħelsien.
Dħul Settembru ! Malta għamlet
l-akbar rebħa ta' kull żmien.

Kburin nimxu fi triqatna;
immarċaw għal fuq is-swar.
Mill-imdawla msierah tagħna
ta' Settembru nagħtu l-ħbar.

Dħul Settembru ! B'leħen wieħed
ngħannu lkoll l-għanja tar-Rebħ !
Malta tqabdet ! Malta rebħet !
Feġġ fuq Malta żmien is-sebħ.